# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tlettax (13) ta' Lulju 2023**

**Rikors Numru 1233/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**Mizan Abdul Kalam (Passaport BH 0851471)**

**Vs**

**Hannan Abdul (K.I. 75508A)**
**MD Mashuk Miah (K.I.82818A))**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 27 ta' Diċembru 2019, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi r-rikorrenti fit-12 ta' Diċembru 2016 kien kera l-ħanut Numru 36, Triq il-Kappillan Mifsud, il-Ħamrun mingħand ċertu Colin Sciberras kif muri fid-dokument hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A', liema ħanut ir-rikorrenti beda joperah taħt l-isem 'Ideal Shop' u li minnu kien ibiegħ diversi oġġetti elettroniċi;*

    2. *Illi għall-ħabta tax-xahar ta' Ottubru tas-sena 2017 ir-rikorrenti u l-intimat Hannan Abdul daħlu f'arranġament fejn l-istess intimat kellu jibda jieħu ħsieb l-amministrazzjoni ta' kuljum ta' dan il-ħanut u ċioe' 'Ideal Shop', 36, Triq il-Kappillan Mifsud, il-Ħamrun, filwaqt illi r-rikorrenti jieħu ħsieb aspetti oħra ta' dan in-negozju inter alia li jixtri u jieħu ħsieb il-konsenja ta' merkanzija u oġġetti li jinbiegħu mill-istess ħanut. Illi r-rikorrenti u Hannan Abdul kienu ukoll qablu illi għall-*

*ġestjoni u l-operat ta' dan in-negozju jibda jintuża n-numru tal-VAT ta' Hannan Abdul;*

3. *Illi għal-dan il-għan ir-rikorrenti u l-intimat Hannan Abdul qablu li jiżdied isem l-intimat Hannan Abdul bħala inkwilin flimkien mar-rikorrenti fuq il-kuntratt ta' lokazzjoni tal-imsemmi ħanut u dan kif inhu muri fid-dokument hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. B';*

4. *Illi l-ftehim ta' bejn ir-rikorrenti u l-intimat Hannan Abdul fil-ġestjoni u l-operat ta' dan in-negozju kien illi jiddividu bin-nofs il-profitti bejniethom kull xahar wara li jitnaqqsu l-ispejjeż kollha;*

5. *Illi reċentement u ċioe' għall-ħabta ta' Mejju 2019, l-intimat Hannan Abdul abbużivament waqaf jgħaddi sehem mill-profitti ta' dan in-negozju li kienu jispettaw lill-esponenti skond il-ftehim ta' bejniethom;*

6. *Illi bejn x-xhur ta' Ġunju u Lulju 2019 saru diversi konsenji ta' merkanzija u oġġetti għall-ħanut de quo mir-rikorrenti u dan kif evidenzjat mill-fatturi hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. C, Dok. D, Dok. E u Dok. F' li tħallsu mir-rikorrenti u għal-liema fatturi l-intimat Hannan Abdul għadu ma ħallasx skond il-ftehim ta' bejniethom;*

7. *Illi minkejja dan kollu, l-intimat Hannan Abdul xorta proċeda bil-bejgħ ta' tali merkanzija u oġġetti mil-ħanut de quo u approprija għalih l-introjtu kollu;*

8. *Illi di piu', għall-ħabta ta' Lulju 2019 l-intimat Hannan Abdul ipprekluda għal kollox lir-rikorrenti milli jaċċedi ġewwa l-ħanut u l-istess rikorrenti beda jirċievi diversi theddid serju mingħand l-istess intimat u familjari oħra ta' Hannan Abdul sabiex ma jersaqx lejn il-ħanut. Illi di fatti reċentement l-esponenti għamel rapport mal-Pulizija (bir-referenza 6/M/2909/2019) ['Dok. G'] peress illi rċieva serje ta' theddid fuq ħajtu mingħand l-intimat Hannan Abdul u mingħand ħu l-istess intimat;*

9. *Illi sussegwentement irriżulta lir-rikorrenti illi l-intimat Hannan Abdul kien qed ifassal strategija sabiex jelimina għal-kollox lir-rikorrenti mill-ġestjoni u l-operat tal-imsemmi negozju u jeskludieh minn kull konnessjoni li għandu mal-imsemmi ħanut;*

10. *Illi reċentement u waqt il-proċedura għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni li beda r-rikorrenti kontra l-intimat Hannan Abdul (bir-referenza: 1625/2019 MH), irriżulta b' sorpriża kbira għar-rikorrenti illi Hannan Abdul kien daħal f' 'Partnership Agreement' nhar is-17 ta' Awwissu, 2018 mal-intimat l-ieħor MD Mashuk Miah konċernanti l-operat tal-istess negozju u ċioe' dak tal-ħanut 'Ideal Shop', 36, Triq il-Kappillan Mifsud, il-Ħamrun u kien qed jgħaddilu terz mill-profitti ta' dan in-negozju oltre pagament ta' salarju mensili u dan kollu ad insaputa tar-rikorrenti u dan kif muri fid-dokument anness u mmarkat bħala 'Doc. AHI ';*

11. *Illi ftit ġimgħat wara li l-intimat Hannan Abdul waqaf għal kollox milli jgħaddi sehem mil-profitti ta' dan in-negozju lir-rikorrenti, l-intimati fil-*

*31 ta' Ottubru 2019 emendaw l-imsemmi 'Partnership Agreement' li kienu għamlu bejniethom sabiex b'hekk Hannan Abdul beda jgħaddi u jaqsam ma' MD Mashuk Miah nofs il-profitti ta' dan l-istess n-negozju u dan kif muri fid-dokument anness u mmarkat bħala 'Doc. AH2' ;*

12. *Illi b'dan l-aġir da parti tal-intimati jew min minnhom, barra li r-rikorrenti ġie eskluż kompletament mill-ġestjoni u l-operat tan-negozju de quo, ġie wkoll prekluż mis-sehem spettanti lilu mill-profitti ġenerati u ukoll ġew ikkawżati lilu danni inġenti;*

13. *Illi d-diversi interpellazzjonijiet li saru mir-rikorrenti lil intimat Hannan Abdul sabiex jaderixxi ruħu mal-ftehim ta' bejniethom, ġew ribattuti mill-istess intimat b'theddid serju fuq il-ħajja tar-rikorrenti u l-istess intimat widdeb lir-rikorrenti sabiex ma jersaqx lejn il-ħanut de quo. Illi Hannan Abdul beda jallega illi hu kien jiġġestixxi dan il-ħanut waħdu u qatt ma kien hemm ftehim mar-rikorrenti dwar dan in-negozju. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Jgħidu għaldaqstant l-intimati jew min minnhom għar-raġunijiet premessi u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan il-każ għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti u l-intimat Hannan Abdul kienu jiġġestixxu u joperaw flimkien in-negozju ossia l-ħanut bl-isem 'Ideal Shop', li jinsab 36, Triq il-Kappillan Mifsud, il-Ħamrun;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Hannan Abdul mingħajr ebda raġuni valida kiser il-ftehim li kellu mar-rikorrenti;*

3. *Konsegwentement tiddikjara għal-finijiet u effetti kollha tal-liġi x-xoljiment tal-ftehim bejn ir-rikorrenti u l-intimat Hannan Abdul minħabba raġunijiet imputabbli lill-istess intimat;*

4. *Tillikwida s-sehem tar-rikorrenti minn dan l-istess negozju okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi;*

5. *Tikkundanna l-intimat/i iħallas/u lir-rikorrenti sehmu hekk likwidat;*

6. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti sofra danni minħabba l-aġir tal-intimat/i u għal-liema danni l-intimat/i huma unikmant responsabbli;*

7. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi;*

8. *Tikkundanna lill-intimat/i sabiex iħallas/u lir-rikorrenti dawk id-danni kif likwidati;*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti.*

2. Rat illi fis-27 ta' Novembru 2020 l-intimati Abdul Hannan u MD Mashuk Miah irrispondew għal dak mitlub billi qajmu is-segwenti difiżi:

    1. *Illi l-pretensjonijiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:*

    2. *Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti Mizan Abul Kalan irid juri li għandu interess ġuridiku u locus standi f'dawn il-proċeduri stante li qed jibbaża l-pretensjoni tiegħu unikament fuq kuntratt ta' kera, u f'liema kuntratt m'hemm ebda' indikazzjoni għar-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet li l-attur qed jallega li teżisti;*

    3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-ftehim sottomess mill-attur u mmarkat bħala Dok. B fir-Rikors Ġuramentat huwa ftehim bażiku ta' kirja kummerċjali li ma' jagħmel l-ebda' referenza lejn relazzjoni kummerċjali jew ftehim ieħor bejn l-attur u l-intimat Hannan Abdul;*

    4. *Illi minbarra dan il-kuntratt ta' kirja, l-attur ma' ppreżenta ebda' dokument ieħor biex jissostanzja l-allegazzjonijiet tiegħu kontra l-intimati;*

    5. *Illi oltre minn hekk, l-attur qatt ma' bagħat ittri uffiċċjali lill-intimat Hannan Abdul biex jivvanta l-pretensjonijiet tiegħu qabel ma' beda proċeduri legali kontrieh u għaldaqstant l-azzjoni legali hi intempestiva;*

    6. *Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-ebda' mill-fatturi preżentati mill-attur fir-Rikors Promotur u mmarkati bħala Dok. C, Dok. D, Dok. E u Dok. F l-intimati jixtieqhu jissollevaw il-punt li dawn il-fatturi m'humiex iffirmati u għaldaqstant jitqajmu mistoqsijiet serji dwar l-awtentiċita' ta' dawn id-dokumenti, speċjalment meta wieħed jikkunsidera l-kwantita tal-prodotti u l-valur tagħhom;*

    7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-fatturi kollha preżentati huma fuq isem l-intimat, u dan għaliex in-negozju huwa tal-istess intimati u l-attur m'għandu ebda' sehem fih u għaldaqstant huwa ċert li d-deċiżjonijiet dwar dan in-negozju m'humiex f'idejh;*

    8. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sopraċitati, fit-tielet lok, l-intimat ma' produċa ebda' ftehim bil-miktub bħala prova tar-rabta kummerċjali li allegatament teżisti bejnu u l-intimat Hannan Abdul kif titlob il-Liġi ta' Malta, senjatament fl-Artikolu 1233 tal-Kap 16;*

    9. *Illi l-azzjoni legali meħuda mill-attur hija ntiża biss sabiex iħarbat in-negozju tal-intimati, u ma' sar għall-ebda' raġuni oħra għajr li tfixkel lill-istess intimati milli jaqilgħu l-għixien tagħhom;*

    10. *Illi għalhekk, it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-istess attur;*

    11. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-liġi;*

3. Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri ta' MD Mashuk Miah tat-18 Frar 2020, li permezz tagħha qajjem is-segwenti difiżi:

   *Illi l-intimat waqt l-ewwel seduta tal-kawża odjerna datata 11 ta' Frar 2020 għamel talba sabiex ikun jista' jippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri għar-risposta ġuramentata tiegħu datata 7 ta' Frar 2020;*

   *Illi din it-talba ġiet milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti u dan kif joħroġ ukoll mill-verbal tas-seduta sopraċitata datata 11 ta' Frar 2020;*

   *Illi għaldaqstant, mal-eċċezzjonijiet preżentati fir-risposta ġuramentata tal-intimati datata 7 ta' Frar 2020, l-intimat MD Mashuk Miah jixtieq iżid is-segwenti eċċezzjoni:*

   > *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet gia' preżentati minnu, l-intimat MD Mashuk Miah għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante l-fatt li bejn l-attur u l-istess Mashuk Miah ma' kienet teżisti l-ebda' relazzjoni ġuridika u għaldaqstant m'huwiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi;*

**Provi:**

4. Rat li fil-11 ta' Frar 2020, il-Qorti ordnat li x-xhieda jitkomplew bil-lingwa Ingliża iżda għamlitha ċara, li l-proċedura ser tibqa' bil-Malti u s-sentenza ser tingħata bil-Malti (fol 35).

5. Rat l-affidavit ta' **Mizan Abdul Kalam** ippreżentat fl-14 ta' Awissu 2020 (fol 62) u rat id-dokumenti minnu eżebiti flimkien mal-affidavit (fol 67 *et sequitur*).

6. Rat ir-rikors ta' Abdul Hannan ippreżentat fit-12 ta' Awissu 2020 fejn talab li jiġi revokat il-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1625/19 MH, li għalih irrisponda Mizan Abdul Kalam fit-2 ta' Settembru 2020, liema rikors ġie miċħud mill-Qorti fit-22 ta' Settembru 2020 (fol 111).

7. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr. Daphne Dodebier** bħala rappreżentant tas-soċjetà Mapfre Middlesea mogħtija fit-23 ta' Settembru 2020 (fol 114).

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Aldo Melidoni** mogħtija fit-23 ta' Settembru 2020 (fol 143).

9. Semgħet ix-xhieda ta' **Marie Claire Tabone** bħala rappreżentanta tal-Melita plc mogħtija fis-17 ta' Novembru 2020 (fol 156) u rat id-dokumenti minnha eżebiti (fol 160 et sequitur).

10. Semgħet ix-xhieda ta' **Jean Paul Paris** mogħtija fil-4 ta' Frar 2021 (fol 183).

11. Rat li fl-4 ta' Frar 2021, l-avukat difensur tar-rikorrent iddikjara li m'għandux aktar provi x' jippreżenta.

12. Semgħet ix-xhieda ta' **Carmeline Vella** mogħtija fl-10 ta' Ġunju 2021 (fol 199) u rat id-dokumenti minnha eżebiti (fol 207).

13. Rat in-nota tal-intimati ippreżentat sa l-10 ta' Ġunju 2021, li permezz tagħha, qed tippreżenta kopja tal-Profit and Loss Statements, ta' bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru 2017 u s-26 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru 2018 rispettivament (fol 2014).

14. Semgħet ix-xhieda tan-**Nutar Nicholas Charles Vella** mogħtija fl-10 ta' Novembru 2021 (fol 215).

15. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr. Miguel Balzan** bħala rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni mogħtija fl-10 ta' Novembru 2021 (fol 218) u rat id-dokumenti minnu eżebiti (fol 224).

16. Rat in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ippreżentata fit-12 ta' Novembru 2021 li permezz tagħha qed tippreżenta d-dokumenti skont kif awtorizzat fil-verbal tal-10 ta' Novembru 2021 (fol 232).

17. Rat l-affidavit ta' **MD Mashuk Miah** ippreżentat fl-1 ta' Frar 2020 (fol 236).

18. Rat l-affidavit tagħha **Abdul Hannan** (fol 245 et sequitur).

19. Semgħet ix-xhieda ta' Abdul Hannan in kontro-eżami mogħtija fis-16 ta' Ġunju 2022 (fol 255).

20. Semgħet ix-xhieda ta' Mashouk Miah in kontro eżami mogħtija fis-16 ta' Ġunju 2022 (fol 267).

21. Semgħet ix-xhieda ta' Abdul Kalam Mizan in kontro ezami mogħtija fit-8 ta' Novembru 2022 (fol 272).

22. Semgħet ix-xhieda ta' **Abdul Wojud** mogħtija fit-8 ta' Novembru 2022 b'video conference (fol 288).

23. Rat li fis-6 ta' Frar 2023, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali, wara li ngħalqu l-provi tal-partijiet.

24. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali ta' Mizan Abdul Kalam ippreżentata fit- 8 ta' Frar 2023 (fol 291).

25. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ta' Hannan Abdul tal-4 ta' April 2023 (fol 304).

26. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali responsiva ta' MD Mashuk Miah ippreżentata fl-4 ta' April 2023. (fol 326).

## Fatti tal-każ

27. Jirriżulta li ir-rikorrent kien jiġġestixxi l-ħanut numru 36, Triq il-Kappillan Mifsud Ħamrun bl-isem 'Ideal shop', u jidher li r-rikorrent daħal f'arranġament f'Ottubru 2017 ma' Hannan Abdul fejn Abdul kellu jibda jiġġestixxi u jieħu ħsieb l-amministrazzjoni ta' dan il-ħanut. Jidher mill-provi, li r-rikorrent u Hannan Abdul kienu qablu verbalment li jaqsmu l-profitti. Jidher ukoll li r-rikorrent u Hannan Abdul kienu qablu li l-ġestjoni

tal-operat ta' dan in-negozju kellu jintuża il-VAT ta' Hannan Abdul. Xejn minn dan ma ġie redatt bl-iskritt.

28. Jirriżulta wkoll, li wara li Abdul daħal fil-ġestjoni ta' l-imsemmi ħanut, kien żdied l-isem tiegħu fuq il-kuntratt ta' lokazzjoni ta' dan il-ħanut kif jidher f'Dok B eżebit fol 15 tal-proċess.

29. Jirriżulta li Hannan Abdul, wara li ħa f'idejh il-ġestjoni ta' l-imsemmi ħanut, daħal fi ftehim ta'soċjetà ċivili mal-intimat MD Mashuk Miah. Dan il-ftehim sar permezz ta' skrittura datata 17 ta' Awissu 2018 fl-atti tan-Nutar Nicholas Charles Vella, liema skrittura ġiet sussegwentement emendata fil-31 ta' Ottubru 2019, liema dokument huwa eżebit a fol 27 *et sequitur* tal-proċess.

30. Jirriżulta li n-negozju u l-istabbiliment kellu jingħalaq u l-intimat Hannan Abdul qed isostni li qatt ma kien hemm ftehim bil-miktub mar-rikorrent li jifforma parti min-negozju, u lanqas ftehim li huwa relatat mal-profitt pretiż mir-rikorrent. Fil-fatt, ma jirriżulta li kien hemm ebda ftehim bil-miktub dwar is-soċjetà ta' partnership ċivili msemmija bejn ir-rikorrent u bejn Hannan Abdul.

**Ikkunsidrat**

31. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti qiegħed jitlob li jiġi dikjarat li hu u l-intimat Hannan Abdul kienu jiġġestixxu u joperaw flimkien in-negozju il-ħanut bl-isem 'Ideal Shop' 36, li jinsab fi Triq il-Kappillan Mifsud Ħamrun. Qed jiġi mitlub ukoll, li l-intimat Hannan Abdul kiser il-ftehim li kellu mar-rikorrent, b'hekk qed jintalab ix-xoljiment tal-ftehim ta' bejniethom minħabba raġunijiet imputabbli lill-istess intimat Hannan Abdul. Inoltre`, qed jintalab li jiġi likwidat sehem ir-rikorrent minn dan in-negozju, u li l-intimat Abdul Hannan jiġi kkundannat iħallas sehmu kif likwidat. Qed jintalab ukoll li r-rikorrent sofra danni minħabba l-aġir ta' intimat. Konsegwentement, qed jintalab li jiġu likwidati d-danni sofferti.

32. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, li l-intimati eċċepew preliminarjament, li r-rikorrent irid juri li għandu interess ġuridiku f'din il-proċedura, stante li qed jibbaża l-pretensjoni tiegħu unikament fuq kuntratt ta' kera f'liema kuntratt m'hemm ebda indikazzjoni għal relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet li r-rikorrent qed jallega li teżisti. Ġie eċċepit ukoll li l-ftehim eżebit bħala Dok B huwa ftehim bażiku ta' kirja kummerċjali li ma jagħmel ebda referenza lejn relazzjoni kummerċjali, u li r-rikorrent oltre` dan il-kuntratt ta' kirja ma ppreżenta ebda kuntratt jew dokumenti oħra biex juri l-allegazzjonijiet tiegħu. Ġie sostnut ukoll li r-rikorrent qatt ma bagħat ittra uffiċjali lill-intimat Hannan Abdul biex jivvanta l-pretensjonijiet tiegħu. Di piu`, ġie sostnut, li l-fatturi ppreżentati bħala Dok C, D, E, u F mar-rikors promotur mhumiex iffirmati b'hekk jitqajjem dubju serju dwar l-awtentiċita` tagħhom, u minbarra hekk, dawn il-fatturi jinsabu fuq isem l-intimat, u mhux fuq isem ir-rikorrent. Fil-mertu, ġie eċċepit ukoll li l-intimat ma pproduċa ebda ftehim bil-miktub bħala prova tar-rabta kummerċjali li allegatament teżisti bejnu u l-intimat Hannan Abdul skont kif rikjest mill-artikolu 1233 tal-Kodiċi Ċivili. Di piu`, ġie sostnut li l-azzjoni tar-rikorrent hija biss immirata biex tħarbat in-negozju tal-intimati, għalhekk it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda.

33. F' risposta ġuramentata ulterjuri l-intimat MD Mashuk Miah, sostna li għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante il-fatt li bejn ir-rikorrent u l-istess Mashuk

Miah ma kienet teżisti ebda relazzjoni ġuridika, u għaldaqstant huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat talbiet odjerni.

**Eċċezzjoni ta’ l-intimat MD Mashuk Miah li mhuwiex il-leġittimu kontradittur**

34. Permezz tar-risposta ġuramentata ulterjuri, l-intimat Miah issolleva l-fatt li bejnu u bejn ir-rikorrent ma kien hemm ebda relazzjoni ġuridika, għalhekk huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur.

35. Hawnhekk jibda biex jingħad, fl-ewwel lok, b'mod ġenerali, li meta l-Qorti tqis li persuna hija leġittimu kontradittur, dan m'għandux jissarraf f’konklużjoni definittiva li tali persuna hija ħatja jew li għandha twieġeb għat-talbiet fir-rikors promotur. Infatti, id-dikjarazzjoni ta' Qorti li parti f'kawża tkun il-leġittimu kontradittur u m'għandhiex tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, ma tfisser bl-ebda mod li dik il-Qorti aktar il quddiem għandha tiddeċiedi li dik il-parti għandha twieġeb b' xi mod għat-talbiet attriċi. (Ara f’dan is-sens, **Franz Refalo et vs Jason Azzopardi et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta’ Ottubru 2001; **Miller Distributors Limited vs Ignatius Zammit** deċiża mill-Prim’ Awla Qorti Ċivili fil-5 ta’ Ottubru 2006).

36. Fil-każ odjern, huwa minnu li l-intimat Mashuk Miah m'għandux relazzjoni ġuridika mar-rikorrent. Jidher, iżda, li Miah kellu u għandu relazzjoni ġuridika mal-intimat Hannan Abdul. Dan jirriżulta evidentement mill-iskrittura eżebita a fol 27 tal-proċess, minn fejn jirriżulta li, ż-żewġ intimati kellhom ftehim ta' soċjetà ċivili bejniethom. Għalhekk, jidher li l-intimat Miah kien involut fin-negozju mertu ta' din il-proċedura ossia il-ħanut, numru 36, fi Triq il-Kappillan Mifsud Ħamrun.

37. Għaldaqstant, ladarba l-istħarriġ li jrid isir huwa dwar l-imsemmi negozju kif ġestit dwar l-imsemmi ħanut bl-isem ‘Ideal Shop’, din il-Qorti tqis li l-intimat MD Mashuk Miah ma għandux, f'dan l-istadju, jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

38. Għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat MD Mashuk Miah.

**Eċċezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta’ interess ġuridiku tar-rikorrent f’din il-proċedura.**

39. Permezz ta' din l-eċċezzjoni preliminari, ġie sostnut, li r-rikorrent irid juri li għandu interess ġuridiku u locus standi f'dawn il-proċeduri, stante li qed jibbaża l-pretensjoni tiegħu unikament fuq kuntratt ta' kera, u f' liema kuntratt m’hemm ebda indikazzjoni għar-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet li l-attur qed jallega li teżisti.

40. Kif ser jingħad aktar ‘il quddiem fil-mertu ta' dan il-każ, jirriżulta manifestament ċar, li ma kien hemm ebda ftehim bil-miktub bejn ir-rikorrent u Hannan Abdul dwar l-operat u l-ġestjoni tan-negozju relatat mal-ħanut ‘Ideal Shop’. Dan ġie ikkonfermat fix-xhieda tar-rikorrent in kontro-eżami, li qatt ma sar ftehim bil-miktub bejniethom dwar soċjetà ċivili jew civil partnership li setgħet ġiet iffurmata. Jirriżulta wkoll mid-dokumenti annessi mar-rikors promotur, li l-unika prova bil-kitba fejn ġie indikat li l-intimat Hannan Abdul, kienet biss fil-ftehim tal-kirja eżebit Dok B fol 15, kif sewwa qed jiġi sottomess mill-intimati tramite din l-eċċezzjoni.

41. Għalhekk in vista ta' suespost, il-Qorti tirrileva li huma minnu li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova li l-arranġament dwar in-negozju sar bi skrittura bil-miktub jew b’att

pubbliku, kif jirrikjedi l-artikolu 1233 tal-Kodiċi Ċivili għal soċjetà ċivili. Għalhekk, din l-eċċezzjoni preliminari, li ser titqies ulterjorment meta l-Qorti ser tikkunsidra aktar 'il quddiem fil-mertu, timmerita illi tintlaqa'.

42. Fid-dawl ta' dan, tqis li r-rikorrent m' għandux l-interess ġuridiku meħtieġ f'din il-proċedura u tilqa' eċċezzjoni preliminari tal-intimati.

43. Madanakollu, il-Qorti tqis illi għandha tidħol ukoll fil-meritu tal-każ, u ma għandhiex tieqaf hawn.

**Il-mertu tat-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur**

44. Jirriżulta, mill-premessi u mit-talbiet, li r-rikorrent qed jitlob prinċipalment fl-ewwel talba tiegħu, li jiġi dikjarat li r-rikorrent u l-intimat Hannan Abdul kienu jiġġestixxu u joperaw flimkien in-negozju tal-ħanut 'Ideal Shop' 36, Triq il-Kappillan Mifsud Ħamrun.

45. Jiġi puntwalizzat, li t-talbiet l-oħra li jsegwu huma kollha konsegwenzjali għal din l-ewwel talba kif ukoll, b'referenza prinċipali għall-allegat ftehim ta' partnership ċivili li kien sar fejn ir-rikorrent u Hannan Abdul rigward il-ġestjoni ta' l-amministrazzjoni kif ukoll, il-qsim tal-qliegħ, rigward dan in-negozju ġestit.

46. Mir-riżultanzi fattwali, jidher ċar, li oriġinarjament kien ir-rikorrent kien qed ibiegħ oġġetti elettroniċi mill-imsemmi ħanut. Sussegwentement, għall-ħabta ta' Ottubru 2017, ir-rikorrent u Hannan Abdul għamlu arranġament fejn bdew jiġġestixxu dan il-ħanut flimkien, u Hannan beda jiġġestixxi l-ħanut għan-nom tar-rikorrent, li kien stazzjonat aktar fi Sqallija. Tant huwa hekk, li fil-fatt l-ewwel kuntratt ta' lokazzjoni li r-rikorrent kien għamel ma' Colin Sciberras eżebit bħala Dok A fol 11, jindika biss lir-rikorrent fl-iskrittura lokatizzja. In segwitu, saret skrittura lokatizzja oħra, fejn ġie indikat ukoll Hannan Abdul flimkien mar-rikorrent. Is-servizz tal-Melita fil-ħanut in kwistjoni, kien ukoll fuq isem ir-rikorrent, kif ikkonfermat Marie Claire Tabone, in rappreżentanza tal-Melita plc fix-xhieda tagħha. Madankollu, tajjeb jiġi puntwalizzat, li r-rikorrent, qed jibbaża kollox fuq dawn il-kuntratti lokatizzji eżebiti minnu annessi mar-rikors promotur, u fuq servizzi fil-ħanut, li kien hemm fuq ismu.

47. Mhuwiex ikkontestat li r-rikorrent u Hannan Abdul għamlu xi forma ta ' arranġament verbali dwar il-ġestjoni tan-negozju ta' l-imsemmi ħanut, u dwar aspetti oħra tan-negozju bħal konsenja ta' merkanzija u oġġetti oħra. Dan jinsab ikkonfermat mix-xhud Carmeline Vella, l-accountant, li kkonfermat li kienu bdew isemmu l-ftehim ta' bejniethom quddiemha iżda hija kompliet tispjega li r-rikorrent kien qiegħed Sqallija ġo l-Italja, u ma kellux permess joqgħod f'Malta, u kien għalhekk li sar arranġament bejn ir-rikorrent u Hannan Abdul peress li kellu l-permess joqgħod f'Malta. Hija kompliet tikkonferma wkoll fix-xhieda tagħha ta' l-10 ta' Ġunju 2021, li meta sar il-ftehim ta' 'civil partnership' bejn l-intimati u beda fis-seħħ il-partnership agreement tal-intimati, hija bdiet toħroġ il-profit and loss account ta' bejniethom. Din ix-xhieda ta' Vella bħala accountant, tikkorrobora il-verżjoni tar-rikorrent li kien hemm ftehim, iżda tikkonferma li l-ftehim bejn ir-rikorrent u Hannan Abdul, kien ftehim verbali biss.

48. Jirriżulta, ikkonfermat fix-xhieda tar-rikorrent in kontra eżami, tat-8 ta' Novembru 2022, li rigward partnership agreement ma' Hannan Abdul, ma kien hemm xejn bil-miktub meta mistoqsi diversi drabi dwar kienx hemm skrittura bil-miktub, dwar dan

huwa ripettuttivament wieġeb u rrisponda le. Ikkonferma fl-istess xhieda, li l-unika ftehim li kellu bil-miktub ma' Abdul kien dwar il-lokazzjoni tal-ħanut, u mhux dwar l-operat tan-negozju.

49. Fis-sottomissjonijiet tiegħu ir-rikorrent, sostna li għall-ħabta ta' Mejju 2019, l-intimat Abdul abbużivament waqaf jgħaddi sehem mill-profitt ta' dan in-negozju li kien jispetta lir-rikorrent skont il-ftehim ta' bejniethom, tant li anki f'Lulju 2019, ipprekluda lir-rikorrent milli jaċċedi fl-imsemmi ħanut. Ir-rikorrent kompla jsostni kemm fix-xiehda u fis-sottomissjonijiet tiegħu, li Abdul kien qed ifassal strateġija biex jelimina għal kollox mill-ġestjoni u mill-operat tal-imsemmi negozju tant li kien daħal f' 'partnership agreement' ieħor ma' terz dwar il-profitti ta' dan in-negozju. It-terz involut kien l-intimat MD Mashuk Miah, u l-iskrittura ta' partnership agreement saret fis-17 ta' Awissu 2018 ma' l-intimat l-ieħor Miah. Għaldaqstant, ir-rikorrent qed jissottometti li dan l-aġir da parti tal-intimati fejn eskludewh kompletament mill-ġestjoni u l-operat tan-negozju *de quo*, ikkawża lilu danni inġenti.

50. Min-naħa l-oħra l-intimati issottomettew, li fil-ktieb '*Principles of Company Law*', il-**Professur Andrew Muscat** saħaq li is-soċjetajiet ċivili (civil partnerships) huma regolati permezz tad-dispożizzjonijiet tkun dik ċivili primarjament l-artikoli 1644 sa 1688 li jirregolaw is-soċjetajiet ċivili.

51. Fil-fatt, l-artikolu 1644 tal-Kodċi Ċivili jipprovdi:

> *"Is-soċjetà hija kuntratt li bih ż-żewġ min-nies jew iżjed jifthemu li qiegħdu xi ħaġa in komun sabiex jaqsmu il-qliegħ li b'hekk jistgħu jieħdu."*

52. L-intimati, kemm fl-eċċezzjonijiet u fis-sottomissjonijiet tagħhom, issollevaw il-punt legali ferm importanti, b'referenza għal dak stipulat fl-artikolu 1233 tal-Kodiċi Ċivli li jgħid hekk:

> *"Bla ħsara tal-każijiet li fihom il-liġi, espressament tagħmel meħtieġ l-att pubbliku, għandhom isiru b'att pubbliku jew b' kitba privata taħt piena ta' nullita:*
>
> *a) il-ftehim se jkun fih wegħda ta' trasferiment jew ta' akkwist, taħt kull titolu li jkun, tal-proprjetà ta' beni immobbli jew ta' jedd ieħor fuq dawk il-beni;*
> *b) il-wegħdiet ta' telf għall-użu jew mutuum;*
> *c) il-garanziji;*
> *d) it-tranżazzjoni;*
> *e) il-kiri ta' immobbli għal żmien ta' iżjed minn sentejn għal dak li hu bini, jew minn erba' snin għal dak li hu raba';*
> *f) is-soċjetajiet ċivili; u*
> *g) għall-finijiet tal-liġi dwar il-wegħdiet ta' żwieġ kull wegħda, kuntratt jew ftehim hemm imsemmija."*

53. F'dan il-kuntest tad-dispożizzjonijiet legali hawn fuq ċitati, din il-Qorti trid tistħarreġ li kwalunkwe forma ta' ftehim bejn ir-rikorrenti u l-intimat Hannan Abdul, sarx bil-miktub jew le, għaliex kif sewwa sottomess mill-intimati in-nuqqas ta' skrittura bil-miktub dwar is-soċjetà ċivili twassal biex kull ftehim li seta' sar jitqies bħala null, u dan ai termini tal-artikolu 1233 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

54. Sabiex il-Qorti tiddikjara li r-rikorrent kien qed jiġġestixxi l-ħanut soċjetà ċivili u civil partnership flimkien mal-intimat Hannan Abdul, jeħtieġ bilfors att pubbliku jew kitba privata, dan dejjem skont dak provdut fl-artikolu 1233 tal-Kap 16, u dan taħt piena ta' nullita, li jfisser evidentement, li kwalunkwe ftehim verbali li jsir dwar soċjetà ċivili ma jgħoddx, u jkun null u bla effett skont il-liġi.

55. Tajjeb jiġi osservat ukoll, li għalkemm hemm soċjetà ċivili bejn iż-żewġ intimati, dan kif ikkonfermat fix-xhieda ta' 10 ta' Novembru 2021, mill-istess Nutar Nicholas Charles Vella, li irrediġa il-partnership agreement bejn l-intimati. Il-partnership agreement, 2018, bejn iż-żewġ intimati datat 17 ta' Awissu 2018, jinsab eżebit bħala Dok AH1 fol 27 tal-proċess. Mill-banda l-oħra, ftehim bil-miktub bejn ir-rikorrent u l-intimat Hannan Abdul ma sarx u ma jeżistix. Dan joħloq sitwazzjoni, fejn allura kwalunkwe ftehim dwar in-negozju il-ġestjoni tal-ħanut 'Ideal Shop' diment li ma sarx bil-miktub bi skrittura privata jew b'att pubbliku, huwa null u bla effett.

56. Jiġi nnutat ukoll li r-rikorrenti rrefera għal fatturi ta' merkanzija esebiti mar-rikors promotur fol 18 *et sequitur*. Iżda, kif sewwa eċċepit mill-intimati dawn il-fatturi mhumiex iffirmati u l-fatturi huma indikati fuq isem Hannan Abdul. Għalhekk ċertament dawn il-fatturi mhumiex prova suffiċjenti għal dak li qed jiġi mitluq fir-rikors promotur.

57. Għaldaqstant, is-sitt eċċezzjoni tal-intimati timmerita illi tintlaqa'.

58. Inoltre`, kif tajjeb eċċepit u sottomess mill-intimati, il-provi dokumentarji li r-rikorrent jibbaża l-allegazzjonijiet tiegħu fuqhom, huma biss kuntratti lokatizzji eżebiti bħala Dok A u Dok B fol 11 u 15, li evidentement jitkellmu biss dwar kirja kummerċjali u mhux dwar ir-relazzjoni kummerċjali jew ftehim ta' soċjetà ċivili u civil partnership bejn ir-rikorrent u Hannan Abdul.

59. Konsegwentement, tilqa' it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-seba', it-tmien, id-disa' u l-għaxar eċċezzjonijiet tal-intimati.

60. Hawnhekk, huwa sinjifikanti dak eċċepit fit-tmien eċċezzjoni ta' l-intimati, fejn hemm sottolineat, li r-rikorrent ma pproduċa ebda ftehim bil-miktub bħala prova tar-rabta kummerċjali li setgħet eżistiet bejnu u bejn l-intimat Hannan Abdul. Għalhekk, tilqa' it-tmien eċċezzjoni ta' l-intimati.

61. Il-qofol tal-azzjoni attriċi fil-każ preżenti, jintrabat biss u huwa ippernjat fuq l-eżistenza ta' ftehim ta' civil partnership bejn ir-rikorrent u Hannan Abdul. Hawnhekk, japplika l-prinċipju li l-ftehim għandu effett biss bejn dawk li kkuntrattawh. Issa fil-każ in eżami, il-ftehim kellu jkun ikkuntrattat bil-miktub u l-ftehim bil-miktub sar biss bejn iż-żewġ intimati u mhux mar-rikorrent. Għalhekk fil-karenza ta' att pubbliku jew ta' skrittura privata, dak mitlub mir-rikorrent fit-talbiet kollha tiegħu ma jistax jintlaqa'.

62. Din il-Qorti ma tistax tiskarta l-fatt, li kwalunkwe ftehim ta' ġestjoni tan-negozju bejn ir-rikorrent u l-intimat Hannan Abdul, kellu jiġi redatt bil-miktub. F'dan ir-rigward, il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrent ma rnexxielux jipprova illi l-intimat Hannan Abdul kien assuma xi obbligi kuntrattwali li jagħtu lir-rikorrent xi drittijiet, kif huwa qed jippretendi.

63. Referibbilment għal dak mitlub dwar danni inġenti minħabba ksur ta' ftehim, ġaladarba il-ftehim bil-miktub ma jirriżultax mid-dokumenti prodotti fl-atti tal-każ, kwalunkwe ftehim li seta' kien hemm, ma jirriżultax bil-miktub, kwindi m'għandux validità skont il-liġi, u ma joħloq l-ebda obbligi kuntrattwali bejn il-partijiet. Konsegwentement kull talba dwar il-validità tal-ftehim u l-ksur tal-obbligi tal-ftehim u l-allegati danni sofferti mir-rikorrent, ser jiġu respinti.

64. Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq spjegati, din il-Qorti ser tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti, u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha u l-provi kollha prodotti ppreżentati quddiemha;

Wara li rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrent u ta' l-intimati;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrent għall-motivi spjegati.

**L-ispejjeż** għall-proċedura odjerna għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur